

Brussell, 20 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15733/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0375 (NLE)**

**ECOFIN 1568
UEM 568
FIN 1421
ECB
EIB**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 721 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l- approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Ċipru

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 721 final.

Mehmuż: COM(2025) 721 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.11.2025
COM(2025) 721 final

2025/0375 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Ċipru

{SWD(2025) 377 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Ċipru

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP", recovery and resilience plan) minn Ċipru fis-17 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni pproponiet li l-Kunsill jagħtih valutazzjoni pożittiva. Fit-28 ta' Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021")². Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2023³, tas-16 ta' Lulju 2024⁴, tal-21 ta' Jannar 2025 u tal-20 ta' Ġunju 2025⁵.
- (2) Fil-5 ta' Novembru 2025, Ċipru għamel talba motivata lill-Kummissjoni biex tressaq proposta li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista' jinkiseb għalkollox minħabba ċirkustanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, Ċipru ppreżenta RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati minn Ċipru minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 121 miżura.
- (4) Il-Bulgarija spjegat li żewġ miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba żieda fil-kost tal-implimentazzjoni tal-miżuri minħabba l-inflazzjoni. Dan jikkonċerna C3.4I6a ir-Riġenerazzjoni u r-Rivitalizzazzjoni tal-Qalba tal-Belt ta' Nikosija u C4.2I2 id-

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>

² Ara d-dokumenti: ST 10686/21 INIT, ST 10686/21 ADD 1.

³ Ara d-dokumenti: ST 15571/23 INIT, ST 15571/23 ADD 1, ST 15571/23 ADD 1 COR 1.

⁴ Ara d-dokumenti ST 11806/24 INIT, ST 11806/24 ADD 1.

⁵ Ara d-dokumenti ST 17052/24 INIT, ST 17052/24 ADD 1, ST 9585/25 INIT, ST 9585/25 ADD 1.

Diġitalizzazzjoni tal-Awtorità tal-Portijiet ta' Ċipru. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li dawk il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq.

- (5) Ċipru spjega li seba' miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba żieda mhux mistennija fid-domanda. Dan jikkonċerna C1.115 It-tishiĥ, l-immodernizzar u l-aġġornament tal-Isptarijiet tal-Istat ta' Ċipru; C2.112 Il-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u miżuri individwali tal-effiċjenza enerġetika fl-abitazzjonijiet u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku, inkluż f'unitajiet domestiċi b'konsumaturi tal-elettriku vulnerabbli; C2.119 Protezzjoni kontra n-nirien forestali; C2.213 Il-promozzjoni tal-użu mifruq tal-Vetturi Elettriċi (EVs); C2.315 Miżuri kontra l-għargħar u għall-ġbir tal-ilma; C2.316 Titjib tas-sigurtà tal-ilma għar-reġjuni ta' Nikosija u Larnaca u C6.111 Miżura fuq skala akbar: Il-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u miżuri individwali tal-effiċjenza enerġetika fl-abitazzjonijiet u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku f'unitajiet domestiċi b'konsumaturi tal-elettriku vulnerabbli. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li dawk il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq.
- (6) Ċipru spjega li sitt miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba dewmien mhux mistenni fl-implimentazzjoni. Dan jikkonċerna C2.115 Titjib tal-Effiċjenza Enerġetika tal-bini pubbliku; C2.313 Sistema Integrata ta' Monitoraġġ u Kontroll għall-infrastruttura tad-Dipartiment tal-Iżvilupp tal-Ilma; C2.314 Il-Ġestjoni Intelliġenti tan-Networks tal-Ilma u tad-Dranaġġ; C3.1111 It-titjib u l-estensjoni tan-Network tal-Punti Ħodor ta' Ċipru u l-ħolqien ta' network ta' Punti ta' Ġbir u ta' Spazji ta' Riċiklaġġ; C3.415 Bliet intelliġenti u C6.113 Il-promozzjoni ta' titjib estensiv tal-enerġija tal-istokk ta' akkomodazzjoni. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li dawk il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq.
- (7) Ċipru spjega li seba' miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba dewmien mhux mistenni fl-implimentazzjoni. Dan jikkonċerna C2.311 Sostituzzjoni tat-Trasportatur Choroikia- Famagusta; C2.1111 It-tmim tal-iżolament fil-qasam tal-enerġija — Proġett ta' Interess Komuni "Interkonnettur Ewro-Ażjatiċi"; C2.114 Inkoraggjiment tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 fin-negozji; C3.111 Kostruzzjoni tal-marikultura; C3.412 Id-diġitalizzazzjoni tal-proċess tat-tfassil tal-liġijiet; C3.416b ir-Riġenerazzjoni u r-Rivitalizzazzjoni tal-Qalba tal-Belt ta' Nikosija u C3.419 Skema ta' Għajnuna għas-settur privat u pubbliku għaċ-ċertifikazzjoni b'ISO 37001 (il-Ġlieda kontra t-Tixħim). Abbażi ta' dan, Ċipru talab li dawk il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq.
- (8) Ċipru spjega li sitt miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba nuqqas ta' domanda. Dan jikkonċerna C1.114 Akkreditazzjoni ta' sptarijiet pubbliċi u privati; C2.113 Inkoraggjiment tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u ffrankar tal-enerġija mill-awtoritajiet pubbliċi lokali/usa' u ffaċilitar tat-tranżizzjoni tal-komunitajiet lokali lejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih; C3.1R3 It-titjib ġenetiku tal-popolazzjoni tan-nagħaġ u tal-mogħoż ta' Ċipru; C5.1R1 L-indirizzar tan-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet bejn l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol (Edukazzjoni Sekondarja u Għolja); C5.1R2 Sistema ġdida ta' evalwazzjoni tal-għalliema u tal-iskejjel u C5.212 L-istabbiliment ta' ċentri multifunzjonali u ċentri għall-indukrar tat-tfal. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li dawk il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq.

- (9) Ċipru spjega li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb minħabba nuqqas ta' domanda. Dan jikkonċerna C6.1I2 Miżura fuq skala akbar: Inkoraġġiment tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u ffrankar tal-enerġija mill-awtoritajiet pubbliċi lokali/usa'. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li din il-miżura titneħħa. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq.
- (10) Ċipru spjega li tliet miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba sfidi legali mhux mistennija fl-implimentazzjoni. Dan jikkonċerna C2.1I7 Installazzjoni u tħaddim tal-massa mill-Operatur tas-Sistema ta' Distribuzzjoni (DSO) tal-Infrastruttura tal-Kejl Intelliġenti (Infrastruttura Avanzata tal-Kejl); C2.2I1 Implimentazzjoni ta' Proġetti ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMP) u miżuri li jtejbu l-aċċessibbiltà taħt il-komponent u C5.2I3 L-istabbiliment ta' strutturi domestiċi għat-tfal, l-adolesxenti bi problemi fl-imġiba u għall-persuni b'diżabilità u l-persuni li jeħtieġu kura fit-tul. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li dawk il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq.
- (11) Ċipru spjega li żewġ miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba problemi tekniċi fl-implimentazzjoni. Dan jikkonċerna C5.1I1 Kostruzzjoni ta' Skola Teknika Mudell waħda u C4.2R2 Id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika ġdida tal-cloud fir-rigward tas-sistemi u s-servizzi tal-IT tal-gvern. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li dawk il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq.
- (12) Ċipru spjega li ġew emendati disa' miżuri biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tagħhom. Dan jikkonċerna C3.3R3 L-Immodernizzar tal-Liġi dwar il-Kumpaniji; C3.3R5 Investitur Strateġiku tal-Borża ta' Ċipru; C3.5R1 Il-qafas legali għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu; C3.1R5 L-istabbiliment ta' Korp ta' Koordinazzjoni bejn il-gvern ċentrali u l-gvern lokali; C3.2R3 L-introduzzjoni ta' politiki u inċentivi biex jiffaċilitaw u jrawmu l-aċċess għal infrastruttura u laboratorji tar-riċerka ffinanzjati pubblikament; C3.5R5 Pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp ta' reġistru ta' monitoraġġ tar-responsabbiltà; C3.5R8 It-tisħiħ tas-superviżjoni tal-Fondi tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet; C5.2R2 Arranġamenti tax-Xogħol Flessibbli fil-Forma ta' Telexogħol u C5.2I1 Titjib tal-effettività tad-Dipartiment tax-Xogħol u tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjegi u t-tisħiħ tal-appoġġ għaż-żgħażagħ. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li l-miżuri msemmija hawn fuq jiġu emendati. Peress li dawk iċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw emenda tal-miżuri, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq.
- (13) Ċipru spjega li 75 miżura ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna C1.1R1 Ċentru Nazzjonali għall-Evidenza Klinika u t-Titjib tal-Kwalità; C1.1R2 Disinn ta' pjattaforma elettronika għas-sorveljanza tal-Konsum Nosokomjali tal-Antibijotiċi u l-Kura tas-Saħħa – Infezzjonijiet Assoċjati; C1.1R3 Il-qalba gradwali tal-ġhoti tal-kura tas-saħħa u l-qafas ta' rimborż lejn mudelli bbażati fuq il-valur; C1.1I1 Faċilitajiet ġodda għall-Istabbiliment tad-Demm ta' Ċipru u l-akkwist tat-tagħmir assoċjat bl-aħħar teknoloġija; C1.1I2 Sistema tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) Innovattiva tas-Saħħa Pubblika ta' Ċipru; C1.1I3 Xiri/sostituzzjoni ta' tagħmir mediku fl-isptarijiet; C1.1I6 L-użu ta' servizzi transfruntieri ġeneriċi tal-e-Saħħa f'Ċipru; C1.1I7 Sistema ta' twissija pubblika għall-appoġġ ta' operazzjonijiet ta' emerġenza permezz ta' SMS; C2.1R1 Tassazzjoni

Ekoloġika; C2.1I1 Il-promozzjoni tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika fl-SMEs u fl-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ; C2.1I6 Titjib tal-infrastruttura tal-ittestjar tal-enerġija rinnovabbli u tal-grilji intelliġenti fl-Università ta' Ċipru; C2.1I8 Monitoraġġ u tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-agrikoltura; C2.1I10 Sistema ta' Ġestjoni tas-Suq biex tiffaċilita l-ftuħ tas-suq tal-elettriku għall-kompetizzjoni; C2.2R1 L-istabbiliment ta' Sistema ta' Trasport Intelliġenti li tuża t-teknoloġiji Tewmin Diġitali; C2.2R2 Il-ħolqien tal-qafas regolatorju għal infrastruttura tal-irriċarġjar tal-vetturi elettriċi (EV) interoperabbli u effettiva u suq tal-irriċarġjar tal-EVs effiċjenti; C2.2R3 It-tneħħija gradwali tal-vetturi li jniġġsu l-aktar, speċjalment f'żoni urbani mniġġsa; C2.2R2 Il-ħolqien ta' infrastruttura tal-elettromobbiltà; C2.3R1 Riforma tal-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Ilma; C2.3I2 Impjanti tat-Trattament tal-Ilma: titjib fil-kwalità tal-ilma; C3.1R2 Pjattaforma online għat-titjib tas-simetrija kummerċjali u tal-informazzjoni fil-katina tal-provvista ta' prodotti friski; C3.1I2 It-tisħiħ tal-bażi tad-data iżotopika ta' prodotti Ċiprijotti tradizzjonali; C3.1I6 Skema għall-immodernizzar u d-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi involuti fil-manifattura u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli; C3.1I7 Skema għat-titjib tal-kompetittività tagħhom u/jew it-titjib tal-enerġija ta' intrapriżi kbar f'Ċipru; C3.1I8 It-titjib tal-valur miżjud tas-settur tat-turiżmu; C3.1I9 Il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari fl-istabbilimenti tal-lukandi; C3.1I10 It-tisħiħ tal-prodott turistiku; C3.1R4 It-tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari fl-Industrija; C3.1I12 Il-ġestjoni tal-iskart favur ekonomija ċirkolari; C3.2R1 Politika nazzjonali komprensiva dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni appoġġata minn għodod ta' politika mmexxija mid-data biex tiġi appoġġata l-Ekosistema tar-R&I u biex jissaħħu r-rabtiet bejn it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika; C3.2R2 Inċentivi li jħeġġu u jattiraw l-investimenti u l-kapital uman fir-Riċerka u l-Innovazzjoni; C3.2I1 It-twaqqif u t-tħaddim ta' Uffiċċju Ċentrali għat-Trasferiment tal-Għarfien (KTO); C3.2I2 Programmi ta' finanzjament għall-innovazzjoni u skemi ta' finanzjament għat-titjib tat-tkabbir u l-kompetittività ta' negozji ġodda, kumpaniji innovattivi u SMEs; C3.2I3 Programm ta' finanzjament għar-R&I dwar it-tranżizzjoni ekoloġika; C3.2I4 Skemi ta' finanzjament biex jappoġġaw organizzazzjonijiet li jwettqu attivitajiet ta' R&I fuq teknoloġiji doppji, inkluż il-ħolqien ta' laboratorji ġodda jew l-aġġornament ta' laboratorji eżistenti u l-iżvilupp ta' laboratorji klassifikati; C3.3R2 It-Titjib tal-Mekkaniżmu għall-Attivazzjoni tal-Attivitajiet tan-Negozju Rapidi; C3.3R4 Tfassil u stabbiliment ta' Aġenzija Promozzjonali Nazzjonali; C3.3I2 Il-ħolqien ta' Sandbox Regolatorja li tippermetti l-FinTech; C3.3I4 Skema għall-aġġornament diġitali tal-intrapriżi; C3.3I6 Fond ta' ekwità ffinanzjat mill-Istat; C3.3I1 Sistema ta' Informazzjoni Integrata għad-Dipartiment tar-Registatur tal-Kumpaniji u l-Proprietà Intellettuali; C3.4R1 It-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva u t-titjib tal-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika għat-tfassil u l-implimentazzjoni aħjar tal-politika; C3.4R2 Ir-regolamentazzjoni tal-arranġamenti tax-xoġhol flessibbli fis-settur pubbliku; C3.4R3 L-introduzzjoni ta' qafas ġdid għall-proċess tal-evalwazzjoni u tal-għażla għall-mili ta' pożizzjonijiet vakanti tas-servizz pubbliku u regolamenti ġodda għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-impjegati; C3.4R4 It-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva u t-trasparenza permezz tal-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku u aktar diġitalizzazzjoni tal-proċess tiegħu; C3.4I3 Ċentru tal-Immodellar tal-Politika Ekonomika; C3.4R6 Qafas legali ġdid għall-Awtoritajiet Lokali u miżuri ta' appoġġ rilevanti; C3.4R7 Konsolidazzjoni tal-art urbana; C3.4I4 It-titjib tas-sistema elettronika għall-ħruġ tal-permessi tal-bini; C3.4R8 Effiċjenza tal-Ġustizzja C3.4R9 It-trasformazzjoni diġitali tal-qrati; C3.4I7 Taħriġ tal-imħallfin; C3.5R4 Qafas legali ġdid u sistema ta' skambju ta' data u uffiċċju ta' kreditu; C3.5R6 Ir-rinfurzar u t-tisħiħ tal-qafas ta' insolvenza; C3.5R9 It-titjib tal-ġbir tat-taxxa u l-effettività tad-Dipartiment tat-Taxxa; C3.5R10 L-indirizzar

tal-Ippjanar Aggressiv tat-Taxxa; C3.5I2 L-Immodernizzar tas-Sistema ta' Ħlas Doganali u Elettroniku; C4.1R1 It-Tisħiħ tal-Awtorità Regulatorja Nazzjonali (OCECPR); C4.1R2 It-Tisħiħ tal-Uffiċċju Nazzjonali ta' Kompetenza fil-Broadband (id-DEC tad-DMRIDP); C4.1R1 L-Espansjoni ta' Networks ta' Kapaċità Għolja Ħafna f'żoni li mhumiex moqđijin tajjeb; C4.1I2 Titjib tal-konnessjoni tal-internet biex tkun "lesta għall-gigabits" u promozzjoni tal-użu tal-konnettività; C4.2R1 Fabbrika tas-Servizzi Diġitali; C4.2R3 Id-diġitalizzazzjoni tal-Proċeduri tal-Pulizija dwar Digipol; C4.2I1 Diġitalizzazzjoni f'diversi Ministeri tal-Gvern Ċentrali — Servizzi; C5.1R3 Estensjoni gradwali tal-edukazzjoni preprimarja obligatorja bla ħlas mill-età ta' erba' snin; C5.1R4 It-trasformazzjoni diġitali tal-unitajiet tal-iskejjel bl-għan li jissaħħu l-ħiliet diġitali u dawk il-ħiliet relatati mal-edukazzjoni STEM; C5.1R5 Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħiliet Elettroniċi – L-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi; C5.1I2 It-taħriġ fil-ħiliet, it-taħriġ f'ħiliet differenti u t-titjib fil-ħiliet; C5.1I4 Ċentri tat-tfal fil-muniċipalitajiet; C5.1I5 Il-Kostruzzjoni ta' Skejjel ta' Edukazzjoni Speċjali b'Żewġ Mudelli; C5.2R1 Riforma tas-Sistema tal-Assigurazzjoni Soċjali u Ristrutturar tas-Servizzi tal-Assigurazzjoni Soċjali; C6.1R1 Regolamentazzjoni u faċilitazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' Klijenti Attivi, Awtokonsumaturi ta' Sorsi Rinnovabbli, Komunitajiet tal-Enerġija taċ-Ċittadini, Komunitajiet tal-Enerġija Rinnovabbli u Rispons tad-Domanda permezz ta' Rappreżentanza Kumulattiva fis-suq tal-elettriku; C6.1R2 L-istabbiliment tal-qafas regulatorju għall-konnessjoni tal-punti tal-irriċarġjar tal-EVs man-network ta' distribuzzjoni; C6.1I5 Miżura fuq skala akbar: Skema għat-titjib tal-kompetittività u tal-effiċjenza fl-enerġija ta' intrapriżi kbar f'Ċipru; C6.1I6 Miżura fuq skala akbar: Programm ta' finanzjament għar-riċerka tematika u l-innovazzjoni dwar it-tranżizzjoni ekoloġika u C6.1I7 Riċerka tematika fl-intrapriżi għall-produzzjoni, il-ħżin, it-trażmissjoni u s-soluzzjonijiet ta' distribuzzjoni tal-enerġija. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li dawk il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq.

- (14) Wara t-tneħħija u t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, Ċipru talab li juża r-riżorsi liberati mit-tneħħija tal-miżuri u mit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex iżid tliet miżuri ġodda u jgħolli l-livell ta' implimentazzjoni ta' disa' miżuri. Dan jikkonċerna, l-miżuri ġodda li ġejjin: C3.3R7 Liġi dwar il-monitoraġġ tal-Investment Dirett Barrani; C3.3R8 Il-Forniment ta' Servizzi ta' Finanzjament Kollettiv għal-Leġiżlazzjoni dwar in-Negożju; C3.5R11 L-istabbiliment tal-qafas legali għall-istabbiliment ta' unità nazzjonali għall-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet; u żieda fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri li ġejjin: C1.1I5 It-tisħiħ, l-immodernizzar u l-aġġornament tal-Isptarijiet tal-Istat ta' Ċipru; C2.1I2 Il-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u miżuri individwali tal-effiċjenza enerġetika fl-abitazzjonijiet u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku, inkluż f'unitajiet domestiċi b'konsumaturi tal-elettriku vulnerabbli; C2.1I9 Protezzjoni kontra n-nirien forestali; C2.2I3 Il-promozzjoni tal-użu mifrux tal-Vetturi Elettriċi (EVs); C2.3I5 Miżuri kontra l-għargħar u għall-ġbir tal-ilma; C2.3I6 Titjib tas-sigurtà tal-ilma għar-reġjuni ta' Nikosija u Larnaca; C3.4I6a Ir-Riġenerazzjoni u r-Rivitalizzazzjoni tal-Qalba tal-Belt ta' Nikosija – Rinnovazzjoni; C4.2I2 Id-Diġitalizzazzjoni tal-Awtorità tal-Portijiet ta' Ċipru u C6.1I1 Miżura fuq skala akbar: Il-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u miżuri individwali tal-effiċjenza enerġetika fl-abitazzjonijiet u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku f'unitajiet domestiċi b'konsumaturi tal-elettriku vulnerabbli. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li jogħla l-livell ta' implimentazzjoni ta' disa' miżuri u li jiżdiedu tliet miżuri ġodda.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri

- (15) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li jiġu emendati biex jitqiesu l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata minn Ċipru.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (16) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

L-indirizzar tal-isfidi kollha, jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (17) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u mal-Anness V, il-kriterju 2.2 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat mistenni jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom (klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti indirizzati lil Ċipru, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħrajn adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Kontribuzzjoni għall-oġettivi tar-REPowerEU

- (18) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da) u mal-Anness V, il-kriterju 2.12 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU mistenni jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (19) L-ambizzjoni kumplessiva tal-kapitolu REPowerEU tibqa'. Filwaqt li żewġ miżuri tnaqqsilhom il-livell minħabba nuqqas ta' domanda jew dewmien mhux mistenni fil-proċess ta' implimentazzjoni, miżura oħra għolielha l-livell minħabba domanda għolja li tikkontribwixxi b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira għas-sigurtà tal-enerġija, għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika u għalhekk tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030. Għalhekk, il-pjan emendat jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-oġettivi tal-Artikolu 19(3), il-punt (da).

Miżuri b'dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali

- (20) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (db), u mal-Anness V, il-kriterju 2.13, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU mistennija fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) li jkollhom dimensiġoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali.
- (21) Il-biċċa l-kbira tal-miżuri għandhom effett transfruntier peress li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-domanda u d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, jew bl-elettrifikazzjoni, bil-promozzjoni tal-produzzjoni u l-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fin-network jew billi jappoġġaw l-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar tal-enerġija, u b'hekk inaqqsu l-ħtiġijiet tal-enerġija tal-pajjiż. Din id-dipendenza mnaqqsa fuq il-fjuwils fossili jenħtieġ li tiġi riflessa wkoll fil-flussi transfruntiera tal-enerġija ta' Ċipru. Il-kostijiet totali ta' dawk il-miżuri jammontaw għal ammont li jaqbeż sew it-30 % tal-kostijiet smati tal-kapitolu tar-REPowerEU.

- (22) Filwaqt li titqies it-tneħħija tal-miżura fuq skala akbar: C6.1I2 Inkoraġġiment tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u ffrankar tal-enerġija mill-awtoritajiet pubbliċi lokali/usa' skont il-kapitolu RePowerEU, il-miżuri kollha li jifdal jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-domanda għall-fjuwils fossili u tad-dipendenza fuqhom. Xi wħud iħeġġu l-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar tal-enerġija fil-bini u fl-intrapriżi pubbliċi u privati, xi wħud jippromwovu l-produzzjoni u l-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fin-network, u oħrajn jappoġġaw l-elettrifikazzjoni tal-vetturi. Dawn il-miżuri kollha jnaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili anke fil-livell tal-UE, u dan jiġġustifika l-valutazzjoni li l-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU mistennija jkollhom fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali. Għalhekk, il-pjan emendat jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-oġġettivi tal-Artikolu 19(3), il-punt (db).

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluż il-bijodiversità

- (23) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 42,09 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP emendat u 94,18 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021–2030.
- (24) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha, kif ukoll għall-kisba tal-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030, filwaqt li jikkonformaw mal-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050. It-tneħħija tal-miżuri taħt il-kompartiment tas-self, speċifikament it-tneħħija tal-Interkonnettur Kbir tal-Baħar, ikkontribwiet għat-tnaqqis fil-kontribuzzjoni tal-miżuri għall-oġġettivi klimatiċi. Il-valutazzjoni pożittiva tal-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika pprovduta fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2021 tibqa' valida. Minkejja t-tnaqqis b'4 %, il-miżuri mneħħija jew emendati ma jħallux impatt fuq l-ambizzjoni kumplessiva tal-pjan fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (25) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 30,03 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament. L-emendi għall-RRP ta' Ċipru jinvolvu żieda netta fil-kontribuzzjoni kumplessiva għall-mira diġitali tal-RRP b'7 %.
- (26) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-

valutazzjoni pożittiva tal-kontribut għat-tranżizzjoni diġitali pprovduta fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2021 tibqa' valida.

Kalkolu tal-kostijiet

- (27) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (28) Skont l-informazzjoni pprovduta, il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet għall-miżura eżistenti li l-modifiki tagħha kienu jinvolvu valutazzjoni ġdida tal-kostijiet turi li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet huma raġonevoli u plawżibbli. Il-bidliet fl-istimi tal-kostijiet għall-miżuri modifikati l-oħra kienu ġġustifikati, proporzjonati għall-miri riveduti l-ġodda u appoġġati minn kalkoli u evidenza dettaljati, u bħala tali r-raġonevolezza u l-plawżibilità ta' dawn l-istimi tal-kostijiet ma nbidlux meta mqabbla mal-RRP oriġinali. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (29) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa minn Ċipru ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għal Ċipru rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (c), (d), (g), (h), (j) u (k).

Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet ta' investiment li jikkontribwixxu għall-obiettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)

- (30) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jstabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)⁶, Ċipru qies bħala kwistjoni ta' prijorità proġetti li nġataw is-Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2024/795. Madankollu, Ċipru qies li l-ebda proġett li nġataw is-Siġill tas-Sovranità ma kellu jiġi inkluż fl-RRP emendat minħabba li ma kien hemm l-ebda rata ta' assorbiment sinifikanti, li tissuġġerixxi kapaċità limitata biex jintużaw b'mod effettiv riżorsi addizzjonali għal inizjattivi bħal dawn.

Valutazzjoni pożittiva

- (31) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, bil-konstatazzjoni li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

⁶ Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jstabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>).

- (32) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat ta' Ċipru huma ta' EUR 1 020 659 255. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa oġhla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal Ċipru, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat ta' Ċipru jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 1 020 223 681. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għal Ċipru tibqa' l-istess.

Self

- (33) Appoġġ ta' self totali ta' EUR 200 320 000 sar disponibbli għal Ċipru permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021, biex jappoġġa riformi u investimenti addizzjonali, inkluż: C2.3I1 Sostituzzjoni tat-Trasportatur Choirokitia-Famagusta; C2.1I11 It-tmiem tal-iżolament fil-qasam tal-enerġija — Proġett ta' Interess Komuni “Interkonnnettur Ewro-Ażjatiku”; C3.1I1 Kostruzzjoni tal-marikultura; C3.4I2 Id-diġitalizzazzjoni tal-proċess tat-tfassil tal-liġijiet; C3.4I6b ir-Riġenerazzjoni u r-Rivitalizzazzjoni tal-Qalba tal-Belt ta' Nikosija u C3.4I9 Skema ta' Għajjnuna għas-settur privat u pubbliku għaċ-ċertifikazzjoni b'ISO 37001 (il-Ġlieda kontra t-Tixħim). Ċipru talab li skont l-Artikolu 21 tar-Regolament 2021/241 jitneħħew ir-riformi u l-investimenti msemmija hawn qabel u ma talabx li juża r-riżorsi ta' self liberati biex jappoġġaw miżuri ġodda jew biex iżid il-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri eżistenti fi ħdan l-RRP. Għalhekk, ma jenħtieġx li jibqa' jsir disponibbli aktar l-ebda appoġġ ta' self għal Ċipru, u jenħtieġ li kwalunkwe prefinanzjament ta' self diġà żborżat jitħallas lura f'konformità mat-termini tal-ftehim tas-self.
- (34) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ għalhekk li tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament. Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura marbuta mal-ġhota ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm ieħor tal-Unjoni ħlief il-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma tiħux post il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat ta' Ċipru fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

Artikolu 2

Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Ċipru hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 3 huwa mħassar.
2. l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Ċipru huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Ċipru.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President